MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 114/2011

**Melita plc**

**Vs**

**Far-Fetched Media Limited**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-8 ta' Frar 2011 u maghmul bil-procedura sommarja specjali, l-attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' tmintax-il elf hames mija u sitta u ghoxrin ewro u hmistax-il centezmu (€18,526.15). Ammont li qieghed jintalab in konnessjoni ma' *distribution agreement* li gie ffirmat fit-28 ta' Jannar 2008 bejn il-partijiet, u li permezz tieghu l-konvenuta ntrabtet li xxandar, tidderigi, u tkun is-sid ta' stazzjon televiziv bl-isem ta' *The Family Television Network*. Il-ftehim kien ghall-perjodu ta' hames snin b'sehh mid-29 ta'

Frar 2008. L-ammont reklamat hu dovut in konnessjoni ma’ *carriage fee* u kiri ta’ fibre *optic cable* mix-xahar ta’ Dicembru 2008.

Permezz ta’ nota prezentata llum, il-konvenuta ammettiet it-talbiet tal-atturi.

**Ghal dan il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ tmintax-il elf hames mija u sitta u ghoxrin ewro u hmistax-il centezmu (€18,526.15), bl-ispejjez u bl-imghax mid-data meta kull wiehed mill-hlasijiet kien dovut lis-socjeta attrici (ara ittra datata 14 ta’ Settembru 2009 a fol. 31)**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------